

# Manwal tal-Użu u Garanzija

GAMMAPIÙ




Figura 1







Figura 2

Figura 3




Figura 4



# MT - MANWAL TAL-UŻU U GARANZIJA

**ATTENZJONI! Tagħmir għal użu professjonali biss.**

## SPJEGAZZJONI TAS-SIMBOLI

Il prodotti tagħna jikkonformaw mad-direttivi tal-marka CE.

Is-simbolu ta' klassi II, jew Insulazzjoni Doppja jindika li dan il-prodott huwa magħmul b'mod li ma jirrikjedi ebda konnessjoni mal-ert. Dawn il-prodotti huma magħmulin b'tali mod li ħsara waħda biss ma tistax tikkawża l-kuntatt mal-vultaġġi perikolużi tal-utent, għax il-qoxra hija magħmula b'materjal iżolanti.

Dan is-simbolu jindika li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tad-direttivi ġodda introdotti għal ħarsien ambjentali u għandu jintrema b'mod xieraq fit-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Għall-informazzjoni, saqsi lill-awtoritajiet lokali fuq żoni dedikati għar-rimi tal-iskart.

Dan is-simbolu, li s-soltu jiġi akkompanjat mad-deskrizzjoni, jindika lill-utent li hemm bżonn jaqra operazzjonijiet u struzzjonijiet importanti.

ATTENZJONI! UĊUĦ JAĦARQU.
PERIKLU TA' ĦRUQ

TGĦADDAS QATT IL-PRODOTT FL-ILMA JEW F'LIKWIDI OĦRAJN.

## TWISSIJIET ĠENERALI DWAR IS-SIGURTÀ

**Biex jiġu evitati ħsara u perikli minħabba l-użu mhux xieraq, hemm bżonn li ssegwi l-istruzzjonijiet u żżomm il-manwal tal-użu. Jekk il-prodott jiġi mibjugħ lil partijiet terzi, huwa obbligatorju tagħti wkoll il-ktieb tal-istruzzjonijiet.**

### BATTAL U VVERIFIKA L-PRODOTT

Oħroġ il-prodott mill-kaxxa tiegħu u ċċertifika li huwa sħiħ u li m'hemmx sinjali viżibbli ta' ħsara minħabba t-trasport.
Jekk għandek xi dubju, tużax l-apparat u kkuntattja l-eqreb Ċentru ta' Assistenza Teknika (ara ˝Ċentri ta' Assistenza Teknika (IT)˝ indikati f'dan il-manwal).

**ATTENZJONI! Perikoluż għat-tfal.**
**Il-materjali tal-ippakkjar (boroż tal-plastik, polystyrol imwessa', eċċ) m'għandhomx jitħallew f'postijiet li jistgħu jintlaħqu mit-tfal għax huma sorsi potenzjali ta' periklu.**

### TWISSIJIET DWAR IS-SIGURTÀ ELETTRIKA

L-użu ta' apparati elettriċi jimplika l-ħarsien ta' xi regoli fundamentali.

**Tgħaddas qatt l-apparat fl-ilma jew f'likwidu ieħor! Tmissx l-apparat jekk dan waqa' f'kwalunkwe likwidu.**

**TWISSIJA: tużax dan l-apparat qrib il-banju, sink jew reċipjenti oħra li fihom l-ilma!**

B'mod partikolari:
- qatt tmiss l-apparat b'idejn jew saqajn imxarrba jew niedja;
- tużax l-apparat meta tkun ħafi;
- tiġbidx il kejbil tal-elettriku jew l-apparat biex taqla' l-plagg mis-sokit;
- tesponix l-apparat għall-elementi atmosferiċi (xita, xemx, eċċ);
- tħallix lit-tfal jilagħbu mal-apparat.
- Meta l-apparat huwa użat fil-kamra tal-banju, skonnettja mill-elettriku wara l-użu peress li l-viċinanza tal-ilma tista' tkun perikoluża anke meta l-apparat huwa mitfi.
- Dejjem skonnettja l-plagg mis-sokit, mingħajr ma tiġbed il-wajer.
- Iġġorr qatt l-apparat billi żżommu mill-wajer tal-elettriku.
- Żomm il-wajer u l-apparat 'il bogħod minn uċuħ sħan.
- Iżżommx jew tħaddimx l-apparat jekk ikollu l-wajer mibrum jew milwi.
- Tużax il-prodott jekk il-wajer jew partijiet oħra jidhru bil-ħsara. Jekk il-wajer tal-elettriku huwa bil-ħsara għandu jiġi sostitwit mill-manifattur jew mis-servizz

tiegħu ta' assistenza teknika jew minn persuna bi kwalifika simili, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju.
- Aktar protezzjoni hija rrappreżentata mill-integrazzjoni, fil-ċirkwit elettriku domestiku, ta' mekkaniżmu ta' sigurtà kontra l-kurrenti ta' ħsara, li jkollhom kurrent nominali li ma jaqbiżx 30mA.
- Għandek tikkuntattja l-elettriċista tiegħek għal aktar informazzjoni. Is-sigurtà ta' dawn l-apparati elettriċi hija konformi mar-regoli tekniċi rikonoxxuti u mal-liġi dwar is-sigurtà tat-tagħmir elettriku.
- Tħallix il-plagg imdaħħal bla bżonn fis-sokit imma skonnettjah l-apparat meta l-apparat mhux qed jintuża.
- Qiegħed il-prodott fuq uċuh ċatti u stabbli 'l bogħod minn sorsi ta' sħana.
- Ħoss: Il-livell tal-pressjoni tal-ħoss (A peżata) huwa inqas minn 70 dB (A).

## TWISSIJIET ĠENERALI DWAR L-UŻU

### UŻU

Il-blower tax-xagħar hija maħsuba u mmanifatturata għat-tnixxif u s-setting tax-xagħar uman.

**UŻU MHUX XIERAQ:**
**Uża l-apparat biss għall-iskop maħsub, tużax l-apparat fuq parrokki, pil ta' annimali jew kwalunkwe materjal ieħor li mhuwiex xagħar uman. Il-manifattur jirrifjuta kull responsabbiltà għall-użu mhux xieraq.**

**Idawwarx il-wajer madwar l-apparat biex tevita ħsara lill-wajer stess u timpedixxi kwalunkwe riskju derivat.**

Għall-karatteristiċi tekniċi, irreferi għall-imballaġġ ta' barra u għall-istruzzjonijiet mogħtija fuq il-plakka mwaħħla mal-prodott innifsu.
- Iċċekkja li l-vultaġġ tal-linja jikkorrispondi ma' dak indikat fuq il-plakka tat-tagħrif tekniku tal-apparat.
- Żomm ,il bogħod mit-tfal. Tfal m'għandhomx jużaw jew jilagħbu mal-apparat.
- Dan l-apparat jista' jintuża minn tfal mill-età ta' tmien snin u minn persuni b'kapaċitajiet fiżiċi, sensi jew mentali jew minn nies b'nuqqas ta' esperjenza jew konoxxenza sakemm dawn mhumiex sorveljati u ma jingħatawx struzzjonijiet dwar l-użu tal-apparat b'mod sigur u involuti fil-ftehim tal- perikli.
- It-tindif u l-manutenzjoni m'għandhomx isiru mit-tfal mingħajr sorveljanza.
- Biex tiġi żgurata l-aħjar ħidma u f'sikurezza kompleta, f'każ ta' waqgħat jew xokkijiet qawwija, wettaq kontroll fejn jinsab ċentru ta' assistenza awtorizzat.
- Tħallux biċċiet ta' karta jew affarijiet simili ħdejn l-apparat.
- Il-wajer tal-elettriku m'għandu qatt jiġu f'kuntatt mat-tagħmir.
- Dejjem itfi l-apparat mis-sokit tal-ħajt wara l-użu.
- Qatt iddaħħal jew tħalli oġġetti jaqgħu fil-fetħa tal-apparat.
- L-apparat m'għandu jintuża qatt f'ambjenti fejn hemm konċentrazzjoni għolja ta' prodotti aerosols (sprej) jew fejn jiġi rilaxxat l-ossiġnu fl-arja.
- Il-blower tax-xagħar hija pprovduta minn mekkaniżmu kontra t-tisħin eċċessiv. F'każ ta' tisħin eċċessiv, it-tisħin jitwaqqaf u tibda toħroġ biss arja kiesħa. Wara t-tkessiħ, it-tisħin jerġa' jixgħel b'mod awtomatiku.

### DESKRIZZJONI ĠENERALI

Ikkonsulta skont il-mudell il-grafika **[1]** jew **[2]**.
Blower tax-xagħar b'buttuni separati għall-fluss tal-arja **[A]** u t-temperatura **[B]**.

**A - Swiċċ ON-OFF u aġġustament tal-fluss tal-arja**
**B - Buttuna għall-aġġustament tat-temperatura**
**C - Buttuna tal-arja kiesħa**
**D - gradilja ta' quddiem**
**E - Filtru li jista' jinbidel**
**F - il-kopertura minn fejn jgħaddi l-elettriku (fairlead)**
**G - Wajer tal-elettriku**
**H - Konċentratur tal-arja**
**I - Diffusor tal-arja (jekk ipprovdut)**

# UŻU

**Dan l-apparat huwa maħsub għall-użu fl-oqsma kummerċjali.**

Ikkonnettja l-plagg mal-wajer tal-elettriku.
Il-blower tax-xagħar għandha 3 livelli ta' temperatura u 2 veloċitajiet tal-fluss tal-arja, li jistgħu jintgħażlu, permezz ta' aġġustamenti separati. Jekk l-apparat huwa pprovdut bil-buttuna tal-arja kiesħa **[C]**, huwa possibbli tħaddmu biex tqiegħed f'postu l-arranġament tax-xagħar.

Ixgħel l-apparat permezz tal-iswiċċ On/Off **[A]** u agħżel il-veloċità li tixtieq:
**0** **0 =** MITFI
◤ **I =** fluss tal-arja medju
◤ **II =** fluss tal-arja qawwi

Ħaddem il-buttuna ta' aġġustament tat-temperatura **[B]** u agħżel il-livell li tixtieq:
● **I =** temperatura baxxa
◤ **II =** temperatura medja
◤ **III =** temperatura għolja
Wara l-użu, uża l-iswiċċ On/Off **[A]** biex titfi l-apparat.
Skonnettja il-wajer **[G]** mis-sokit mingħajr ma tiġbed il-wajer jew l-apparat.
**Poġġi l-apparat fuq wiċċ stabbli waqt li toqgħod attent li ma tgeżwirx il-wajer madwar l-apparat stess.**

**Buttuna tal-arja kiesħa (Cold Shot) [C]**
Jekk l-apparat huwa pprovdut b'din il-buttuna, din tista' tintuża biex tqiegħed l-istil tax-xagħar f'postu.
Waqt li tinżamm magħfusa l-buttuna tal-arja kiesħa, il-blower tax-xagħar tista' tinxtegħel b'mod mgħaġġel għall-funzjonament tal-arja kiesħa u biex tqiegħed l-istil tax-xagħar f'postu.
Biex tmur lura għat-temperatura li kont qabel kemm tneħħi subgħajk minn fuq il-buttuna.

**Użu konċentratur tal-arja [H]**
Permezz tal-konċentratur, l-arja tgħaddi direttament fuq il-brush użata għas-setting tax-xagħar.
Applika il-konċentratur u agħfsu fid-direzzjoni tal-blower tax-xagħar **(Graf. 3a)**
Il-konċentratur jista' jiġi estratt billi ġġebbdu fid-direzzjoni indikata mill-vleġġa b **(Graf. 3b)**.

**Stenna sakemm il-fetħa tal-apparat tkun kesħet qabel ma tneħħiha.**

**Użu diffużur tal-arja [I]**
Jekk l-apparat huwa pprovdut minn diffużur, dan jista' jintuża biex ikollok tnixxif b'volum.
Applika d-diffużur u agħfsu fid-direzzjoni tal-blower tax-xagħar **(Graf. 4a)**
Id-diffużur jista' jiġi estratt billi ġġebbdu fid-direzzjoni indikata mill-vleġġa b **(Graf. 4b)**.

# MANUTENZJONI

**Fil-każ ta' malfunzjonament jew ħsara tal-apparat jew parti minnu, l-apparat għandu jiġi analizzat mill-manifattur jew mis-servizz tiegħu ta' assistenza teknika jew minn persuna b'kwalifika simili sabiex jiġi evitat kull riskju. L-utent m'għandux iżarma l-apparat awtonament.**

**Aqla' l-plagg minn mal-wajer tal-elettriku qabel ma tibda tnaddaf l-apparat.**

## TINDIF ĠENERALI
Mill-inqas darba fil-ġimgħa agħmel tindifa ġenerali tal-apparat.
Biex jiġi evitat kull riskju ta' xokk elettriku, tnaddafx l-apparat bl-ilma u tgħoddsux fl-ilma.
Naddaf l-apparat biss b'biċċa ratba, eventwalment ftit niedja.
Tużax solventi u diterġenti li joborxu!

## TINDIF TAL-FILTRU
Sakemm il-prestazzjonijiet tal-apparat jinżammu tajbin fiż-żmien, huwa rrakkomandat li tnaddaf regolarment il-filtru **[E]**:
- kuljum għal użu intensiv u kontinwu

- darbtejn fil-ġimgħa għal użu normali
- darba fix-xahar għal użu okkażjonali.

Għal dan l-iskop ipproċedi kif indikat:

1. Dawwar il-filtru f'direzzjoni kontra l-arloġġ **(Graf. 5A)** u u neħħih.
2. Neħħi x-xibka tal-filtru fejn ipprovduta **(Graf. 5b)**.
3. Naddaf ix-xibka u l-filtru bi brush ratba **(Graf. 5c)**.
4. Applika mill-ġdid ix-xibka għall-filtru u weħħel il-filtru għall-qoxra tal-apparat billi ddawru f'direzzjoni tal-arloġġ sakemm ikun weħel kompletament **(Graf. 5a)**.




**Tużax il prodott mingħajr nett tax-xagħar peress ix-xagħar jista jinġibed lejn il-prodott.**

## RIMI

L-ippakkjar tal-prodott huwa magħmul minn materjali riċiklabbli. Aqsam il-partijiet skont it-tip tagħhom u armihom skont il-liġijiet applikabbli dwar il-ħarsien ambjentali.

Skont id-Direttiva Ewropea 2012/19/UE (WEEE), l-apparat li ma jintużax għandu jintrema b'mod konsistenti fit-tmiem taċ-ċiklu tal-użu tiegħu. Dan jikkonċerna r-riċiklaġġ ta' sustanzi utli li jinsabu fl-apparat u jippermetti t-tnaqqis tal-impatt ambjentali. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja il-kumpanija tal-iskart lokali jew fornitur tal-apparat.

## GARANZIJA

Il-garanzija hija valida skont it-termini tal-liġi applikabbli, tibda mid-data tax-xiri u tinkludi l-ispejjeż ta' tiswijiet.

It-tul tal-perjodu ta' garanzija hu ta' sena jew sentejn, skont it-tip finali ta' konsumatur, skont dak stabbilit mid-Direttiva Ewropea 1999/44/KE.

Il-garanzija hija valida biss fuq preżentazzjoni tal-kupun bit-timbru u firma tal-fornitur kif ukoll li jiddikjara d-data tax-xiri. Evidenza għandha tkun id-data murija fuq l-irċevuta/fattura.

Il-garanzija tkopri d-difetti fil-kwalità tal-apparat, riferibbli għal materjali u għal fabbrikazzjoni. Gamma Più se timpenja ruħha biex issewwi jew tbiddel mingħajr ħlas dawk il-partijiet li fil-perjodu tal-garanzija se jirriżultaw li huma ineffiċjenti minħabba difetti ta' materjal u kostruzzjoni.

**ATTENZJONI! Il-garanzija tiġi annullata jekk fuq l-apparat jinstab intervent dirett mix-xerrej jew manipulazzjoni minn persunal mhux awtorizzat.**

**IL-GARANZIJA MA TKOPRIX:**

- Ħsara kkawżata mill-użu mhux xieraq, trattamenti mhux xierqa u ksur mit-trasport.
- Ħsara kkawżata min-nuqqas ta' ħarsien tal-istruzzjonijiet tal-użu.
- Ħsara kkawżata mill-użu tal-apparat b'vultaġġ tal-linja żbaljata.
- Apparati li fuqhom ġew imwaħħla aċċessorji ta' produtturi oħrajn.
- Komponenti soġġetti għal użu normali.

## ASSISTENZA TEKNIKA

Għat-tiswijiet, ikkonsulta ˝Ċentri ta' Assistenza Teknika(IT)˝ indikati f'dan il-manwal biex tikkuntattja l-eqreb assistenza u tikkomunika l-mudell tal-prodott.
Għal-lista aġġornata taċ-ċentri ta' assistenza, żur is-sit web tagħna:
www.gammapiu.it

*Il-produttur jirriżerva d-dritt li jagħmel bidliet fi kwalunkwe żmien u mingħajr ebda notifika minn qabel u/jew sostituzzjoni ta' partijiet kif jidhirlu xieraq, biex dejjem joffri prodott affidabbli u fit-tul u b'teknoloġija avvanzata.*

| Deskrizzjoni | Tifsira |
|---|---|
| HD | Blower tax-xagħar |

| Mudell | |
|---|---|
| NA1415 | NA1415MP |
| NA1416 | NA1420 |
| NA1418 | NA1421 |
| NA1420MP | NA1715MP |
| NA1715 | NA1720 |
| NA1718 | NA1725 |
| NA1722 | NA1815MP |
| NA1815 | NA1819 |
| NA1818 | NA3012 |
| NA1820 | NA3016 |
| NA3015MP | NA3020 |
| NA3018 | NA3022 |
| NA3020MP | NA3115MP |
| NA3025 | NA3120 |
| NA3116 | NA3122 |
| NA3120MP | NA3215MP |
| NA3125 | NA3220 |
| NA3216 | NA3315MP |
| NA3220MP | NA3320 |
| NA3318 | NA3322 |
| NA3320MP | NA3418 |
| NA3415 | NA3420MP |
| NA3420 | NA3425 |
| NA3422 | NA3520MP |
| NA3520 | NA3522 |
| NA3521 | NA3525 |
| NA3523 | NA6321 |
| NA3620 | NA3623 |
| NA3622 | NA4012 |
| NA3625 | NA4021MP |
| NA4021 | NA4119 |
| NA4023 | NA4121 |
| NA4119MP | NA4220 |
| NA4122 | NA4224 |
| NA4223 | HD1010 |
| NA4225 | |

**Garanzia** **Warranty** **Garantie** **Garantía** **Garantia** **Garantie** **Гарантия** **Гарантія** **الضمان** **Гаранция** **Jamstvo** **Záruka** **Garanti** **Garantie** **Garantii** **Takuu** **Εγγύηση** **Garancia** **Garantija** **Garantija** **Garanzija** **Gwarancja** **Garanție** **Záruka** **Garancija** **Garanti**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Modello | Model | Modèle | Modelo | Modelo | Modell | Модели | Моделі | للموديل |
| Модел | Model | Model | Model | Model | Mudel | Malli | Μοντέλο | Modell |
| Modelis | Modelis | Mudell | Model | Model | Model | Model | Modell | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N° serie | Serial n° | N° série | N° serie | N° série | Fabrikationsnum. | Серийный номер | Серійний номер | رقم متسلسل |
| Сериен № | Serijski broj | Výrobní číslo | Serienummer | Serienr. | Seerianumber | Sarjanumero | Σειριακός αρ. | Sorozatszám |
| N°sērija | Serijos Nr. | Nru serje | Nr seryjny | Nr. de serie | Výrobné číslo | Št. serije | Serienummer | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Data d'acquisto | Date of purchase | Date d'acquisition | Fecha de compra | Data da compra | Kaufdatum | Момента покупки | Датою покупки | تاريخ الشراء |
| Дата на закупуване | Datum kupnje | Datum koupě | Købsdato | Aankoopdatum | Ostukuupäev | Ostopäivä | Ημερομηνία αγοράς | A vásárlás dátuma |
| Legādes datums | Pirkimo data | Data ta' xiri | Data zakupu | Data cumpărării | Dátum nákupu | Datum nakupa | Inköpsdatum | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Timbro del venditore | Distributor stamp | Timbre du vendeur | Timbre del vendedor | Carimbo do vendedor | Stempel des Händlers | Штамп продавца | Штамп продавця | ختم البائع |
| Печат на продавача | Pečat dobavljača | Razítko prodejce | Sælgerens stempel | Stempel van de verkoper | Müüja tempel | Myyjän leima | Σφραγίδα πωλητή | Az eladó pecsétje |
| Zīmogs pārdevējam | Pardavėjo antspaudas | Timbru tan-negozjant | Pieczątka sprzedawcy | Ștampila vânzătorului | Pečiatka predajcu | Žig prodajalca | Försäljarens stämpel | |

**Fa fede la data riportata sullo scontrino/fattura.**
**The date included on this receipt/invoice will be regarded.**
**La date reportée sur le ticket de caisse/facture fait foi.**
**Da fe la fecha indicada en el recibo de compra o factura.**
**Vale a data mencionada na nota/fatura.**
**Maßgebend ist das auf dem Kassenbon/ der Rechnung angegebene Datum.**
**По дата, указанная на квитанции / счета-фактуры.**
**За дата, вказана на квитанції / рахунку-фактури.**
من التاريخ المبين على إيصال / فاتورة.

**За валидна се приема датата върху касовия бон/фактурата**
**Dokaz će biti datum naveden na računu/fakturi**
**Rozhoduje datum uvedené na stvrzence/faktuře**
**Gælder fra datoen på kvitteringen/regningen**
**De datum op de kassabon/factuur is de geldige datum**
**Arvestatakse ostudokumendil olevat kuupäeva/arve**
**Oikea päivämäärä näkyy kuitissa/laskussa.**
**Αναφορά στην ημερομηνία της απόδειξης/τιμολογίου**
**A vásárlás időpontját a bizonylaton/számlán szereplő dátum igazolja**

**Derīgs ir datums uz preces čeka/faktūrrēķina**
**Pakanka pirkimo čekyje/sąskaitoje faktūroje nurodytos datos**
**Evidenza għandha tiġi bid-data murija fuq l-irċevuta/fattura**
**Ważność ma data wskazana na paragonie/fakturze**
**Data valabilă este cea indicată pe bonul fiscal/factură**
**Rozhodujúce je dátum uvedené na potvrdenke/faktúre**
**Velja datum, naveden na računu**
**Det datum som anges på kvittot/fakturan är beviset**

**Gamma Più s.r.l.**
Via Caduti del Lavoro, 22
25046 Cazzago S. Martino (BS) Italia
Tel. +39.030.77.50.207 - 77.50.077
Fax +39.030.72.54.999 - 77.50.206
info@gammapiu.it - www.gammapiu.it

cod.: AFICATGAMMA_04_MT